# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Laqgħa Numru 58

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa. Huwa skuża ruħu għad-dewmien mill-bidu ta' din il-laqgħa minħabb li l-laqgħa annwali tal-lokalita' li saret qabel din il-laqgħa ħadet aktar fit-tul milli previst.

### 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

58.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsillier Joseph Cauchi nfurmaw lill-Kunsill li ser ikun indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji.

### 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

58.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 57 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

58.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

58.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

58.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li kif maqbul fl-aħħar laqgħa ġie ppublikat u mqassam il-fuljett f'kull residenza bl-attivitajiet tal-Milied u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal dawn l-attivitajiet.

58.3.2 Is-Sindku ressaq suġġeriment wara li kien hemm domanda minn xi residenti sabiex issir ħarġa għal Malta nhar id-29 ta' Diċembru 2022. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 58.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

58.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ressqet suġġeruiment sabiex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalita'. Is-Sindku wieġeb li ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix beda minn Triq Santa Dminka u se jkompli fil-lokalita' kollha.

58.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilita' biex il-Kunsill joffri s-servizz ta' ġbir tal-iskart tal-kontenitur l-isfar (sharps disposal containers). Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jiċċekja dwar din il-possibilta'.

58.4.3 Il-Kunsilliera Juliet Attard ressqet suġġeriment sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-gagazza tal-pjazzetta fi Triq 12 ta' Diċembru 1957. Kien hemm qbil dwar dan.

## 58.5 Proġetti fil-Lokalita';

58.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ġie ffinalizzat il-kont tax-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Is-Sindku informa lill-membri li l-indikazzjoni hija li t-talba għall-finanzjament tax-xogħlijiet biex issir il-parti biswit il-Pjazza tal-Knisja mhux ser tiġi milqugħa għalkemm hija fir-responsabilita' tal-Ministeru Għal Għawdex. Għaldaqstant huwa ppropona sabiex isiru l-bankini u xogħol ta' *patching* fuq it-trinek tas-servizzi li saru. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

58.5.2 Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għandu bżonn jaħtar bord ta' evalwazzjoni għas-sejħa tal-offerti li ġiet ippublikata sabiex jitbattal l-iskart mill-kontenituri tal-i*smart waste depots* tax-Xlendi, liema proġett huwa ffinanzjat mill-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li jinħatru s-Sur William Sultana, l-Inġinier Mario Cauchi u l-*accountant* Daniel Galea bħala evalwaturi tal-bord filwaqt li s-Sindku jservi bħala *chairman* tal-bord u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 58.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2023;

58.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2023 liema rapport intbagħat wkoll lill-membri permezz ta' *email*.
L-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2023 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 58.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

58.7.1 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'avviż ta' infurzar fuq żvilupp mingħajr permess f'sit fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar aġġornament bl-aħħar teknoloġija u mmodernizzar tal-*website* uffiċjali tal-Kunsilli Lokali li ser tkun iffinanzjata mill-istess diviżjoni sabiex kull ċittadin ikollu aċċess b'mod uniformi, sikur, faċli u fejn isib l-informazzjoni kollha bl-istess mod għall-Kunsilli kollha. Għalhekk id-Diviżjoni qed tenfasizza sabiex din tintuża b'mod ħolistiku u l-Kunsilli li għandhom l-*website* individwali jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex din titneħħa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

58.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex sabiex il-Kunsill jiprovdi kjarifika mid-Dipartiment tal-Artijiet jekk it-toroq proposti għat-tismija humiex pubbliċi jew le, sabiex il-Kumitat jikkunsidra t-talba tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba għall-informazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet hekk kif rikjest.

58.7.4 Il-Kunsill talab u rċieva kwotazzjoni mingħand il-fornitur tas-servizz tal-kameras tas-sigurta' tal-Kunsill, wara li l-Kunsill sofra vandaliżmu fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u sar rapport mal-Pulizija kif ukoll claim mal-kumpanija tal-assigurazzjoni għal bdil ta' erba' fanali dekorattivi li ġew vandalizzati. L-istima sabiex dan il-ġnien ikun kopert b'sorveljanza ta' CCTV kameras tammonta għal €925 eskluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

58.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart residenzjali li mit-2 ta' Jannar 2023 ser ikun tibdil fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart kif ukoll ser jinġabar wara li nħarġet sejħa għall-offerti b'mod reġjonali mill-istess Kunsill Reġjonali Għawdex, hekk kif ikkomunikat aktar qabel. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil sabiex jinħareġ avviż biex ir-residenti jkunu nfurmati.

58.7.6 Ċirkulari DLG numru 10/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2022 – Korsiijiet Lifelong Learning 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.8 Ċirkulari Nru AKL 2022/111 – Call for Applications – The Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.9 Ċirkulari Nru AKL 2022/112 – Connecting Collegues 14.12.22. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/113 – Short Article on the Association for Consumer Rights. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58.7.11 Ilment 56 /2022
Residenta tissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata *cat house* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sakemm ikun hemm *cat feeder* reġistrat li jkun lest li jieħu ħsieb li jżomm l-indafa madwar il-*cat house* peress li min qed irressaq is-suġġeriment mhux resident permanenti fix-Xlendi.

58.7.12 Ilment 57/2022
Resident qed jissuġġerixxi sabiex jiġu nstallati ganċijiet fir-*roundabout* ta' Triq Rinota k/ma Triq Dun Spir Gauci sabiex il-boroż tal-iskart jiddendlu magħhom. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan minħabba li l-boroż tal-iskart għandhom jinħarġu quddiem ir-residenza ta' dak li jkun u mhux hemmhekk. L-istess resident talab ukoll sabiex jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġi f'dawk l-inħawi. Dwar dan, kien hemm qbil mill-membri.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

58.7.13 Ilment 58/2022

Resident jitlob sabiex issir bozza ġdida f'tarf Triq Biżantini fix-Xlendi minħabba nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil mill-membri sakemm din tkun tista' teħel mal-faċċata tar-residenza tiegħu.

## 58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

58.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 58/2022-8 għall-perjodu bejn il-25 ta' Novembru 2022 u l-14 ta' Diċembru 2022 li tammonta għal €26,778.50 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l- Viċi Sindku Carmen Parnis is-sekondant.

## 58.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 19 ta' Jannar 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 19 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR